MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2936/2002

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha propju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Charles Galea u b'digriet tal-1 ta' Ottubru 2003 gie kjamat in kawza Pierre Portelli**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Dicembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici is-somma ta' mija erbgha u tletin Liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm134.77) rapprezentanti is-somma ta' erbgha u hasmin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm54.22) kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera tal-meters ta' l-ilma, u is-somma ta' tmenin Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm80.55) ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku, fil-fond Rose 140A, Triq il-Kuncizzjoni, Msida,

ghall-perjodu bejn l-1989 sal-4 ta’ Marzu 2002 skond il-kont numru 340064000 u d-dokumenti annessi (WSC 1 u WSC 2).

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50 spejjez ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Settembru 2001 u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa illi l-ammont mitlub fl-avviz ma huwiex dovut u dan peress illi l-fond m’huwiex fil-pussess tal-konvenut peress li dan kien inghadda lid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali wara li l-istess fond kien intalab lura mill-istess Dipartiment li huwa ghalhekk responsabbli ghall-hlas ta’ l-istess kontijiet.

Ra d-Digriet tieghu tas-26 ta’ Jannar 2004 fejn giet milqugha it-talba ghall-kjamata in kawza ta’ Pierre Portelli.

Ra r-Risposta tal-kjamat in kawza fejn huwa eccepixxa is-segwenti: Il-fond li dwaru qed issir it-talba ghall-hlas tal-kont in kwistjoni mill-attur 140A, Triq il-Kuncizzjoni, l-Imsida, kien irrekwizizzjonat u gie moghti lura lill-familja tal-kjamat in kawza fi stat ta’ abbandun fit-3 ta’ Frar 2000. F’Gunju 2000 Pierre Portelli applika biex il-meter jinqaleb ghal fuqu u minn dak in-nhar dejjem hallas il-kontijiet dovuta rigward il-fond lill-Korporazzjoni. Isegwi allura li l-kont ta’ Lm134.77 mhux dovut minnu izda mill-konvenut Charles Galea li fiz-zmien in kwistjoni kien l-inkwilin tal-fond de quo u ghaldaqstant il-kjamat in kawza ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Bl-ispejjez.

Sema’ x-xhieda ta’ Maria Borg, tal-konvenut u tal-kjamat in kawza. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici jirrigwarda prezz tal-konsum tal-ilma u elettriku u ghall-kiri tal-meters relattivi ghall-perjodu bejn l-1989 sal-4 ta’ Marzu 2002 ghall-fond Rose, 140A, Triq il-Kuncizzjoni, Msida. Mill-

provi irrizulta l-fond in kwistjoni huwa proprieta` tal-kjamat in kawza izda li fis-6 t'Ottubru 1988 (vide dokument a fol. 45) dan il-fond gie rekwizizzjonat mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali u allokat b'titolu ta' kera lill-konvenut. Irrizulta wkoll li permezz ta' ittra datata 16 ta' Dicembru 1987 (a fol. 20) il-Korporazzjoni attrici giet informata li l-fond de quo kien gie allokat lill-konvenut. Permezz ta' ftehim datat 12 t'April 1995, il-konvenut kien accetta li jhallas lill-Korporazzjoni attrici l-arretrati ta' dawl u ilma ammontanti ghal Lm164.34 f'pagamenti rateali ta' Lm23 fix-xahar u li dakinhar tal-ftehim huwa kellu jeffetwa pagament akkont ta' Lm50.00. Mid-dokumenti esebiti a fol. 2, 3 u 4 tal-process jirrizulta li l-konvenut effettwa xi pagamenti akkont izda li sallum ma hallasx il-bilanc kollu u lanqas ma hallas il-kontijiet li baqghu johorgu fil-frattemp ghall-perjodi successivi.

Illi mid-dokument esebit a fol. 25 tal-process jidher li mill-31 ta' Jannar 2000 il-kjamat in kawza Pierre Portelli gie rikonoxxut mill-Korporazzjoni attrici bhala l-konsumatur responsabbli ghall-pagament tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma minn dik id-data `l quddiem. Mid-dokument rilaxxjat mid-Dipartiment ghall-Akkommodazzjoni Socjali datat 31 ta' Jannar 2000 jidher li l-kjamat in kawza gie rikonoxxut bhala l-inkwilin il-gdid tal-fond de quo u ha pussess tal-imsemmi fond.

Kif diga intqal aktar `il fuq l-ammont mitlub jirrigwarda l-perjodu bejn l-1989 u l-4 ta' Marzu 2002. M'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li sat-12 t'April 1995 l-ammont li ghadu dovut ghandu jithallas mill-konvenut u dan peress huwa kien accetta li jhallas dan l-ammont lill-Korporazzjoni attrici permezz tal-ftehim datat 12 t'April 1995. Il-konvenut izda jsostni li fl-1996 huwa ma baqax jirrisjedi fil-fond in kwistjoni u beda juzah biex izomm il-hamiem. Huwa jghid ukoll li fl-1997 mar fil-fond u sab l-access imbarrat. Apparti l-fatt li l-konvenut ma ressaqx provi sodisfacenti dwar dan il-fatti minnu allegati, irid jigi rilevat li mill-provi irrizulta ampjament li huwa qatt ma nforma lill-Korporazzjoni attrici dwar dawn il-fatti minnu allegati u l-Korporazzjoni attrici saret taf bit-tibdil fil-konsumatur f'Jannar 2000 meta l-inkwilin il-gdid, u cioe` il-

kjamat in kawza, assuma ir-responsabilita` ghall-pagament tal-kontijiet minn dik id-data `l quddiem. Mid-dokumenti esebiti a fol. 2 u 3 u a fol. 28 jidher li l-kjamat in kawza effettivament effetwa l-pagamenti relativi ghall-kontijiet rigwardanti l-konsum u l-kera tal-meters mill-imsemmija data `il quddiem.

Una volta li l-konvenut ma infurmax lill-Korporazzjoni li huwa ma kienx ghadu il-konsumatur responsabbli ghall-pagament tal-kontijiet u cioe ma effetwax ir-registrazzjoni ta’ bidla tal-konsumatur skond kif kien bbliga ruhu li jaghmel meta irregistra bhala tali huwa ghandu jitqies li baqa’ responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet sakemm effettivament saret ir-Registrazzjoni tal-Bidla tal-Konsumatur fil-31 ta’ Jannar 2000.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lill-kjamat in kawza mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa’ it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Charles Galea u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici is-somma ta’ Lm134.77 bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Settembru 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------